2026/2298

19.10.2026

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2298

tas-16 ta' Ottubru 2026

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-kurdlan

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ([3]) jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel u l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel jistgħu jiġu aġġornati jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara applikazzjoni minn Stat Membru jew minn parti interessata.

(4) F'Settembru 2016, tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-kurdlan bħala ġelifikant, aġent li jissoda, stabbilizzatur u aġent li jgħaqqad f'varjetà wiesgħa ta' kategoriji tal-ikel. Wara dan, l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

(5) Il-kurdlan huwa polisakkarid lineari b'piż molekulari għoli bi proprjetajiet ta' ġelifikazzjoni termali, prodott bil-fermentazzjoni mir-*Rhizobium radiobacter* biovar 1 tar-razza NTK-u. Jifforma ġelijiet irreversibbli tat-tip "high-set" meta jissaħħan f'sospensjoni milwiema f'temperaturi ogħla minn 80 °C, u ġelijiet riversibbli tat-tip "low-set" meta jissaħħan f'sospensjoni milwiema f'temperaturi bejn 55 °C u 65 °C u mbagħad jitkessaħ għal ≤ 40 C. Il-kurdlan huwa maħsub biex jintuża bħala aġent li jissoda, aġent ġelifikant, stabbilizzatur u aġent li jgħaqqad f'varjetà wiesgħa ta' kategoriji tal-ikel biex itejjeb il-proprjetajiet strutturali tagħhom, il-kapaċità tagħhom li jżommu l-ilma u l-istabbiltà termali tagħhom, bħat-taljarini, id-dumplings, il-prodotti tal-laħam ipproċessat, il-pejsts tal-ħut, il-kejkijiet, iz-zlazi, is-sopop, it-tofu pproċessat u s-snacks.

(6) Fl-opinjoni ppubblikata fid-9 ta' Settembru 2024 ([4]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") evalwat is-sikurezza tal-użu propost tal-kurlan bħala addittiv tal-ikel. Minkejja l-limitazzjonijiet innotati fis-sett tad-data, l-Awtorità setgħet tivvaluta s-sikurezza billi tapplika l-approċċ tal-marġni ta' esponiment (MOE) u kkonkludiet li ma hemm l-ebda tħassib dwar is-sikurezza għall-użu tal-kurdlan bħala addittiv tal-ikel fl-użi u fil-livelli tal-użu proposti.

(7) Għalhekk jixraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-kurdlan bħala addittiv tal-ikel u li jiġi assenjat E 424 bħala n-numru E lil dak l-addittiv.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1331/oj.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/231/oj).
([4]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u l-Aromatizzanti (2024). Safety evaluation of curdlan as a food additive. *EFSA Journal* 2024;22:e8985, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8985.

(8) L-ispeċifikazzjonijiet għall-kurlan (E 424) jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 billi dan l-addittiv huwa inkluż għall-ewwel darba fil-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 jiġu emendati kif xieraq.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti B, il-punt 3 "Additivi għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa", l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għall-additiv tal-ikel E 423, Gomma Għarbija modifikata b'aċidu Ottenilsuċċiniku:

"E 424	Kurdlan"

(2) Il-Parti E hija emendata kif ġej:

(a) Fil-kategorija 01.7.5 (Ġobon ipproċessat), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku — fosfati — di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	40 000"		

(b) Fil-kategorija 02.2.2 (Emulsjonijiet oħra tax-xaħam u ż-żejt inklużi pejsts kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 u emulsjonijiet likwidi), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 405, Propan-1, 2-diol alġinat:

	"E 424	Kurdlan	50 000"		

(c) Fil-kategorija 03. (Silġ li jittiekel), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 405, Propan-1, 2-diol alġinat:

	"E 424	Kurdlan	30 000"		

(d) Fil-kategorija 04.2.1 (Frott u ħxejjex imnixxfa), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal qabel l-entrata għal E 907, Poli-1-deċen idroġenat:

	"E 424	Kurdlan	50 000		Ma jistax jintuża biex jipproduċi ikel deidratat maħsub biex jirreidrata ruħu malli jittiekel."

(e) Fil-kategorija 04.2.2 (Frott u ħxejjex fil-ħall, żejt jew ilma mielaħ), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal qabel l-entrata għal E 579, Glukonat tal-ħadid:

	"E 424	Kurdlan	50 000"		

(f) Fil-kategorija 04.2.3 (Frott u ħxejjex fil-laned u fil-fliexken), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 415, Gomma Xanthan:

	"E 424	Kurdlan	50 000		qastan fil-likwidu biss"

(g) Fil-kategorija 04.2.4.1 (Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex esklużi zlazi tal-frott), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 405, Propan-1, 2-diol alġinat:

	"E 424	Kurdlan	50 000"		

(h) Fil-kategorija 04.2.5.3 (Pejsts tal-frott u tal-ħaxix oħra simili), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 418, Gomma Gellan:

	"E 424	Kurdlan	10 000	(32-)"	

(i) Fil-kategorija 04.2.5.4 (Butir tal-ġewż u pejsts tal-ġewż), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	50 000"		

(j) Fil-kategorija 04.2.6 (Prodotti tal-patata pproċessati), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	50 000"		

(k) fil-kategorija 05.1 (Prodotti tal-kawkaw u taċ-ċikkulata koperti bid-Direttiva 2000/36/KE), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 422, Gliċerol:

	"E 424	Kurdlan	30 000		b'valuri enerġetiċi mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud biss"

(l) Fil-kategorija 05.2 (Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 405, Propan-1, 2-diol alġinat:

	"E 424	Kurdlan	50 000		Ma jistax jintuża f'kikkri żgħar tal-ġelatina, definiti, għall-fini ta' dan ir-Regolament, bħala ħlewwiet tal-ġelatina ta' konsistenza soda, li jinstabu f'kikkri żgħar jew kapsuli żgħar semiriġidi, maħsuba biex jinbelgħu f'gidma waħda billi tkun eżerċita l-pressjoni fuq il-kikkri ż-żgħar jew il-kapsuli żgħar biex il-ħlewwiet jintefgħu fil-ħalq; Ma jistax jintuża biex jipproduċi ikel deidratat maħsub biex jirreidrata ruħu malli jittiekel."

(m) Fil-kategorija 05.3 (Chewing gum), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 416, Gomma tal-Karaya:

	"E 424	Kurdlan	10 000"		

(n) Fil-kategorija 05.4 (Tiżjin, kisi u mili, ħlief mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 423, Gomma Għarbija modifikata b'aċidu Ottenilsuċċiniku:

	"E 424	Kurdlan	5 000"		

(o) Fil-kategorija 06.3 (Ċereali tal-kolazzjon), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku – fosfati – di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	20 000"		

(p) Fil-kategorija 06.4.2 (Għaġin xott), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal Grupp I Addittivi:

	"E 424	Kurdlan	20 000		għaġin mingħajr glutina biss (bħala ikel prodott apposta biex inaqqas il-kontenut tal-glutina ta' ingredjenti li fihom il-glutina jew jissostitwixxi l-ingredjenti li fihom il-glutina) u għaġin maħsub għal dieti ipoproteiċi"

(q) Fil-kategorija 06.4.4 (Njokki tal-Patata), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 330, Aċidu ċitriku:

	"E 424	Kurdlan	20 000		ħlief għan-njokki tal-patata friski u mpoġġijin fil-friġġ"

(r) Fil-kategorija 06.4.5 (Mili ta' għaġin mimli (ravjul u simili)), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	20 000"		

(s) Fil-kategorija 06.5 (Taljarini), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku – fosfati – di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	20 000"		

(t) Fil-kategorija 06.6 (Panura), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku – fosfati – di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	5 000"		

(u) Fil-kategorija 07.1 (Ħobż u bziezen), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku – fosfati – di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	20 000		ħlief il-prodotti f'7.1.1 u 7.1.2"

(v) Fil-kategorija 07.2 (Prodotti fini tal-forn), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku – fosfati – di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	20 000"		

(w) Fil-kategorija 08.2 (Preparati tal-laħam kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 415, Gomma Xanthan:

	"E 424	Kurdlan	20 000		preparati li jkunu ġew trattati bis-sħana qabel il-konsum li fihom ikunu ġew injettati ingredjenti oħra; preparati tal-laħam li jkunu ġew trattati bis-sħana qabel il-konsum, magħmulin minn partijiet tal-laħam li jkunu ġew ittrattati b'mod differenti: ikkapuljat, fettat jew proċessat u li jkunu mħalltin flimkien. Ħlief *bifteki, soutzoukaki, kebap, gyros* u *souvlaki*"

(x) Fil-kategorija 08.3.2 (Prodotti tal-laħam trattati bis-sħana), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal qabel l-entrata għal E 427, Gomma Cassia:

	"E 424	Kurdlan	20 000		~~Ħ~~lief *foie gras, foie gras entier, blocs de foie gras, Libamáj, libamáj egészben, libamáj tömbben*"

(y) Fil-kategorija 08.3.3 (Kisi ta' protezzjoni u kisjiet u tiżjin għal-laħam), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 339, Fosfati tas-sodju:

	"E 424	Kurdlan	20 000"		

(z) Fil-kategorija 09.2 (~~Ħ~~ut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal qabel l-entrata għal E 450, Id-Difosfati:

	"E 424	Kurdlan	30 000"		

(aa) Fil-kategorija 10.2 (Bajd u prodotti tal-bajd ipproċessati), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	20 000"		

(bb) Fil-kategorija 12.4 (Mustarda), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal qabel l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	30 000"		

(cc) Fil-kategorija 12.5 (Soppa u brodu), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	10 000"		

(dd) Fil-kategorija 12.6 (Zlazi), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 392, Estratti tar-rożmarin:

	"E 424	Kurdlan	30 000"		

(ee) Fil-kategorija 12.7 (Insalati u pejsts tal-ħobż abbażi ta' ikel mielaħ), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 334–337 u E 354, Aċidu tartariku — tartrati:

	"E 424	Kurdlan	30 000"		

(ff) Fil-kategorija 12.9 (Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 338–452, Aċidu fosforiku – fosfati – di- tri- u polifosfati:

	"E 424	Kurdlan	80 000"		

(gg) Fil-kategorija 15.1 (Ikliet ħfief abbażi ta' patata, ċereali, dqiq jew lamtu), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 416, Gomma tal-Karaya:

	"E 424	Kurdlan	10 000"		

(hh) Fil-kategorija 16 (Dežerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4), l-entrata għal E 424 (Kurdlan) tiddaħħal wara l-entrata għal E 416, Gomma tal-Karaya:

	"E 424	Kurdlan	30 000".		

ANNESS II

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 423, GOMMA GĦARBIJA MODIFIKATA B'AĊIDU OTTENILSUĊĊINIKU:

"**E 424 KURDLAN**	
Sinonimi	(1 → 3)-ß-d-Glukan
Definizzjoni	Il-kurdlan huwa polisakkarid b'piż molekulari għoli li jikkonsisti minn unitajiet tal-glukożju retikolati b'β-1,3, prodott permezz ta' fermentazzjoni f'kultura pura mir-*Rhizobium radiobacter* biovar 1 tar-razza NTK-u li mhijiex patoġenika jew tossikoġenika. Il-kurdlan jikkonsisti minn residwi ta' glukożju retikolati b'β-(1,3) u għandu proprjetà mhux komuni li jifforma ġell elastiku ladarba jissaħħan fis-sospensjoni milwiema tiegħu. Il-Kurdlan mhux raffinat jiġi ppurifikat f'diversi stadji, li jinkludu d-dissoluzzjoni alkalina u l-kristallizzazzjoni fil-metanol. Is-soluzzjoni kristallizzata tiġi soġġetta għal passi ta' purifikazzjoni, jiġifieri ċentrifugazzjoni, ħasil u ċentrifugazzjoni għal darb' oħra. Imbagħad il-prodott jitnixxef, jiġi mitħun u mgħarbel biex jinkiseb il-prodott finali.
Numru CAS	54724-00-4
Formola kimika	$H•(C_6H_{10}O_5)_n•OH$
Piż molekulari medju	Mhux inqas minn $1,4 \times 10^6$ Da
Assaġġ (ikkalkulat bħala glukożju anidruż)	Mhux anqas minn 80 %
Deskrizzjoni	Trab abjad sa kważi abjad, mingħajr riħa jew kważi mingħajr riħa
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Ma jinħallx fl-ilma u fl-etanol
Solubbiltà fl-alkali	Jgħaddi t-test Issospendi 0,2 g tal-kampjun f' 5 mL ilma, żid 1 mL ta' 3 N idrossidu tas-sodju u ħawwad. Il-kampjun jinħall.
Formazzjoni ta' ġell	Saħħan sospensjoni milwiema ta' 2 % tal-kampjun f'banjumarija jagħli għal 10 min u kessaħ. Jifforma ġell sod.
Formazzjoni ta' preċipitat mat-tartrat tar-ram	Jgħaddi t-test
pH	Bejn 6,0–7,5 (soluzzjoni milwiema ta' 1 %)
Saħħa tal-ġell	Mhux inqas minn 600 g/cm^2
Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 10 %
Residwu mat-tqabbid	Mhux aktar minn 6 %
Irmied issulfat	Mhux aktar minn 6 %
Nitroġenu	Mhux aktar minn 0,3 %
Arseniku	Mhux aktar minn 0,05 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 0,2 mg/kg
Metanol	Mhux aktar minn 10 mg/kg

Kriterji mikrobijoloġiċi	
Għadd ta' kolonji totali	Mhux aktar minn 1 000 CFU/g
Koliformi	Assenti f'1 g
Escherichia coli	Assenti f'1 g"